MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 919/1995/1

**Avukat Dr. Edward DeBono fil-kwalita tieghu ta' mandatarju ta' l-assenti socjeta` estera SAI Srl kif debitament awtorizzat**

**Vs**

**Emanuel Abela fil-kwalita` tieghu ta' direttur tas-socjeta` Empa Tiles Limited ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess kif debitament awtorizzat**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur *nomine* huwa kreditur tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' erbat elef u hames mitt lira

(Lm4500) oltre l-imghax legali mill-5 ta’ Lulju 1991 bilanc ta’ prezz ta’ oggetti mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut *nomine* u dan skond skrittura tat-28 ta’ Gunju 1991 u kopja fotostatika ta’ cekk datat 5 ta’ Lulju 1991 huma annessi mac-citazzjoni u mmarkati bhala dokument A u B;

Premess illi minkejja dan id-debitu huwa xorta ma hallasx is-somma pretiza oltre l-imghax legali minkejja diversi interpellazzjonijiet;

Prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u ghar-ragunijiet premessi u dispensat mis-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u in vista ta’ l-affidavit ta’ l-Avukat Dottor Edward DeBono *nomine* anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dokument C, talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenut *nomine* jhallas lill-attur *nomine* s-somma ta’ Lm4500 oltre l-imghax legali mill-5 ta’ Lulju 1991 bilanc ta’ prezz ta’ oggetti lilu mibjugha u kkonsenjati;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-8 ta’ Gunju 1995;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati, kif ukoll l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Gunju 1995 li permezz tieghu awtorizzat lill-konvenut *nomine* jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine* illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament u qabel xejn l-attur kellu jaghmel prova tal-mandat tieghu

2. Illi fil-meritu t-talba attrici kienet infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-oggett mibjugh u konsenjat lis-socjeta` konvenuta u cioe` “fully automatic batching plant” kien difettuz u mhux tal-kwalita` pattwita stante li ghalkemm mibjugh bhala makna fully automatic l-istess makna bdiet timmalfunzjona ftit jiem wara l-bejgh b'mod illi biex thaddimha s-socjeta` konvenuta kellha bil-fors thalli impjegat taghha kontinwament maghha, u dan bi spejjez inutili u dannu ta' l-istess socjeta`; illi ghalkemm l-attur *nomine* kif ukoll Florio Ancillotti, ufficjal tas-socjeta` estera attrici gew immedjatament infurmati b'dan il-fatt, l-istess attur *nomine* xorta wahda pproceda bil-procedura tal-giljottina;

Ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Mejju 1996 li permezz tieghu gie nominat bhala Perit Tekniku Alfred Camenzuli biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert tekniku li tinsab a fol. 67 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tal-15 ta' Marzu 2002;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Illi l-attur *nomine* pprezenta din il-kawza biex il-Qorti tikkundanna lill-konvenut *nomine* ihallas is-somma ta'

Lm4500 bilanc ta' prezz akbar ghal makkinarju li bih jinhadem il-madum;

Illi minn naha tieghu l-konvenut *nomine* jikkontendi li ma kellux ihallas dan l-ammont peress li l-makkinarju mixtri ma kienx kif preventivament deskritt cioe` kompletament awtomatiku;

Illi qabel ma giet intavolata din ic-citazzjoni, il-kwistjoni kienet ilha pendenti hafna snin; irrizulta illi fit-28 ta' Gunju 1991 il-konvenut iffirma dokument u hareg cheque ghall-ammont in kwistjoni proprju f'isem id-difensur ta' l-attur, izda c-cheque kellu jissarraf f'data sussegwenti cioe` fil-5 ta' Lulju 1991. Fl-intervall il-konvenut ta istruzzjonijiet lill-Bank biex ma jonorahx;

Illi skond il-konvenut irrizulta li meta dan il-makkinarju gie installat dana hadem tajjeb ghal ftit zmien izda wara ftit huma intebhu li l-operazzjoni ma kienetx ghal kollox awtomatika u kienu kostretti jzommu impjegat apposta biex kull meta jkun mehtiega jattiva switch halli l-operazzjoni tkun tista' titkompla;

Illi f'din il-kawza gie nominat espert tekniku li pero` kif minnu stess accettat kien difficli ghalih jiddeciedi dwar certi punti nvoluti peress li huwa ma rax il-makkinarju jahdem u anqas jaf kif kien originarjament installat fil-fabbrika tal-konvenut; kull ma seta' kien apparat mitluq u ilu ma jintuza mixhut gewwa mahzen; minhabba dan in-nuqqas huwa ma setghax jikkonstata sa fejn l-impjant seta' jahdem wahdu u meta kien jinhtieg intervent ta' l-impjegat biex jazzjona s-switch imsemmi;

Illi x-xhieda indikati mill-konvenut kollha kkonfermaw li l-makkinarju ma setax jahdem b'mod kompletament awtomatiku; jidher li kienu hadmu b'dan l-apparat ghal zmien konsiderevoli imma kellhom jistallaw switch biex l-operazzjoni tat-thallit li kellha ssir awtomatikament, issir meta dan jigi attivat manwalment. Illi l-Qorti fehmet li l-"electronic sound" li kellu jigi provdut mill-attur u li pero` kellu jitwahhal "to be installed inside the hopper of your

conveyor belt kif ukoll 'automatically to mix whenever necessary'" jew ma inghatax jew kien difettuz;

Illi skond ix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici "the plant had been delivered to Empa Tiles in the begining of June 1991"; dan juri li l-kwistjoni qamet mill-bidunett ta' meta beda jithaddem, tant li xahar biss wara inharget l-ittra imsemmija flimkien mac-cheque;

Illi jidher li l-makkinarju llum jinsab mitluq, kif gja inghad qabel, f'mahzen u ilu ma jintuza u d-daqs tieghu ma jippermettix li jigi "ittestjat" u ezaminat b'mod li wiehed jista' jikkonstata jekk dan setax jahdem b'mod awtomatiku jew biss manwalment;

Illi l-attur jikkontendi li ma kien hemm ebda nuqqas jew diffikulta ghal konvenut u jghid li "during the six months of the warranty period stipulated in the contract of sale, Mr. Abela never complaint of any defects". Huwa jghid li kien ispezzjoni l-makkinarju u ghalkemm huwa ma indikax meta fil-fatt saret din l-ispezzjoni, wiehed ghandu jifhem li dan kien fil-bidu jew almenu certament fil-perjodu tal-garanzija. Mix-xhieda tieghu stess gja deher li diffikultajiet kien hemm, ghalkemm huwa jattribwihom ghal switch li kien wahhal il-konvenut kontra l-parir tieghu. Il-Qorti ma tara xejn probabli li l-konvenut li kien qed juza makkinarju (ghalkemm forsi mhux awtomatikament), kellu ghalfejn ma jsegwix l-istruzzjonijiet tal-fornitur stess. Dak li kkonstata Ancellotti meta mar jispezzjona kien fil-bidu izda jirrizulta li dan kompla anke wara - il-makkinarju kien jahdem, imma kien jintuza bil-"push switch" vicin tal-"pressing parts" u mhux fid-"dozer" kif Ancellotti jghid li kien issuggerixxa. Il-Qorti anqas tifhem kif dettal bhal dan seta' jigi kkonsidrat mill-istess xhud li "I had nothing to do with this part of the machinery". Huwa kien jaf li l-automatic batching plant minnu mibjugha kellu jifforma parti minn process shih ta' manifattura;

Illi l-attur *nomine* pprezenta rapport tekniku datat 30 ta' Ottubru 1997 u fih semma tliet ditti ohra li kienu akkwistaw minghandu stess impjanti simili; ebda wahda minn dawn id-ditti ma tressqet biex tikkonferma l-kontenut ta' l-istess

rapport; din forsi setghet kienet tkun possibilita` biex il-Qorti tkun tista' tifhem ahjar verament il-problema allegata mill-konvenut;

Illi minn naha tieghu l-konvenut meta ra dawk it-tliet ditti msemmija fir-rapport talab li huwa jigi awtorizzat iressaqhom bhala xhieda fuq din il-kwistjoni imma mhux talli ma ressaq l-ebda wiehed minnhom izda minflok ressaq lir-rapprezentant tad-ditta VG Tiles Limited li, ghalkemm veru li xtrat minghand id-ditta attrici, pero` jidher li l-makkinarju li huma xtraw kien ghal kollox differenti; almenu hekk jidher meta wiehed jikkonsidra illi huma hallsu Lm60000 ghal makkinarju li kienu xtraw minghand l-istess attur waqt li dak mixtri mill-konvenut kien jiswa biss inqas minn Lm10000;

Illi l-Qorti filwaqt li tistqarr id-diffikulta taghha biex tasal ghal decizjoni fid-dawl tan-nuqqas ta' provi li l-kontendenti pprezentawlha, hi tal-fehma wkoll li, kif inghad aktar 'il fuq, l-electronic sound ma intbaghatx jew ma kienx jiffunzjona u ghalhekk tadotta s-somma ssuggerita mill-espert tekniku bhala parti mill-prezz li ma kienetx dovuta.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tilqa' in parti t-tieni eccezzjoni tal-konvenut; tilqa' parzjalment it-talba ta' l-attur *nomine* u tikkundanna lill-konvenut *nomine* ihallas lill-attur *nomine* s-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3000) bhala bilanc tal-prezz ta' makkinarju mibjugh u fornit lill-istess socjeta` konvenuta.

L-ispejjez u l-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni jithallsu mill-konvenut *nomine*.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur